MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 349/1991/1

**Keith Said bhala Direttur, ghan-nom u in rappresentanza ta' Joseph Said Limited**

**vs**

**Joseph u John ahwa Falzon bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta' Falcotrans Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni tat-3 ta' April, 1991 is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta biex din tittrasportalha minn Antwerp fil-Belgium ghal Malta, hames trailers b'taghbijiet ta' banana friska u s-socjeta` konvenuta assumiet l-inkarigu li dawn twassalhom Malta sal-10 ta' April, 1990; illi s-socjeta` konvenuta naqset li taghmel kif minnha pattwit u f'Malta waslu biss tliet trailers; illi dan l-inadempiment kontrattwali da parti tas-socjeta` konvenuta irreka danni lis-socjeta` attrici fl-ammont ta' hamest elef disa' mija u disgha u sittin lira u tmienja u disghin centezimi (LM5969.98) kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza oltre dak spjegat fl-anness Dok A; illi s-socjeta` konvenuta, interpellata biex thallas dawn id-danni baqghet inadempjenti ghalkemm qatt ma qalet li ma humiex dovuti – anzi qalet li qed tittratta l-hlas mal-assikuraturi taghha u talbet ukoll lis-socjeta` attrici biex tikkomunika mal-istess assikuraturi dwar il-hlas; ghalhekk talbet li l-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti nomine naqsu mill-obbligi kontrattwali taghhom meta naqsu li jwasslu Malta, kif inghad, taghbija ta' zewg trailers banana friska – obbligi assunti versu l-istanti.
2. tiddikjara li b'din l-inadempjenza kontrattwali huma kkagunaw danni lill-istanti.
3. tillikwida d-danni fl-ammont imsemmi ta' LM5969.98 jew somma verjuri li tillikwida din il-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
4. tikkundannhom ihallsu lill-istanti l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni – kif inghad.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju ta' April 1990, dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu 1991 u LM12 ta' sitt ittri ohra u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

B'nota tat-30 ta' Mejju 1991 s-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-

ispejjes kontra l-attur nomine, stante illi, kif jigi pruvat ahjar filwaqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti nomine ma humiex responsabbli skond il-ligi ghad-danni allegatament sofferti mill-attur nomine.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz illi l-esponenti nomine kellhom jigu tenuti responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur nomine, ghandhom jigu applikati a favur taghhom il-kondizzjonijiet rigwardanti d-dritt tal-limitazzjoni tar-responsabbilita` taghhom kif kontenuti fil-"Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road (CMR)".

3. Illi f'kull kaz ukoll l-attur nomine gia` zamm f'idejh flus fis-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) minnu dovuti lill-esponenti nomine, liema ammont ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni dejjem f'kaz illi l-esponenti nomine kellhom jigu dikjarati responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-istess attur nomine.

B'sentenza tas-6 ta' Gunju, 1997 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza meta cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine u laqghet it-talbiet attrici billi ddikjarat li l-istess konvenuti nomine naqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom meta naqsu li jwasslu Malta taghbija ta' zewg trailers banana friska; konsegwentement iddikjarathom responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi nomine, liema danni gew likwidati fl-ammont ta' hamest elef tlett mija u tlieta u disghin lira u tnejn u tletin cenetzimu (LM5393.32), u finalment ikkundannat lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma hekk likwidata bl-imghax legali mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes kontra l-konvenuti nomine.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ippresentata fil-25 ta' Gunju, 1997 interponiet appell lil din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li s-sentenza appellata tigi revokata, mhassra u annullata billi jigu milqugha l-eccezzjonijiet taghha u jigu michuda t-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

Is-socjeta` attrici ma resqet ebda appella mis-sentenza imsemmija ghalkemm l-ammont likwidat bhala danni fis-sentenza kien anqas minn dak mitlub fic-citazzjoni u, fir-risposta taghha ghall-appell tas-socjeta` konvenuta, semplicement talbet li, ghar-ragunijiet moghtija, s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

Is-socjeta` konvenuta qed isostni li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti u wisq aktar tal-ligi. L-aggravji mresqa mis-socjeta` konvenuta huma bazikament tlieta, u cioe`:-

a) Illi kull nuqqas ta' terza persuna fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu ma ghandux jirrifletti fuq is-socjeta` konvenuta.

b) Illi fi kwalunkwe kaz ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ghandu jkun regolat mis-CMR Convention, kuntrarjament ghal dak li sostniet l-ewwel Qorti.

c) Illi finalment kull ammont li jista' jirrizulta dovut ghandu jkun pacut mal-kreditu li s-socjeta` konvenuta appellanti ghandha bhala 'freight charges'.

**Is-sentenza ta' din il-Qorti.**

Jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza. Infatti c-cirkostanzi li taw lok ghal dawn il-proceduri huma semplici u anke jidher li hemm qbil dwarhom. Jirrizulta infatti li s-socjeta` konvenuta kienet giet inkarigata mis-socjeta` attrici sabiex tittrasporta konsenja ta' banana minn Antwerp ghal Malta fuq hames trailers. Il-partijiet jaqblu li minn dawn il-hames trailers tghabbew erbgha biss billi l-hames wiehed wasal tard u ghalhekk ma tghabbiex. Jirrizulta wkoll mhux kontestat li wiehed mill-erba' trailers li tghabbew u telqu minn Antwerp qatt ma wasal Malta billi nzamm mill-awtoritajiet f'Aosta minhabba xi diskrepanzi fid-dokumentazzjoni rigwardanti l-vettura. Jidher ukoll li d-dritt tas-socjeta` attrici ghar-risarciment tad-danni minhabba dak deskritt hawn fuq, mhux qed jigi michud. Infatti fl-ittra (Dok D) tal-assikurazzjoni tas-socjeta`

konvenuta lill-konsulent legali tas-socjeta` attrici jinghad espressament “Please be assured that we are doing everything in our power to try and get an early settlement on this claim.” Li pero` qed jigi sottomess mis-socjeta` konvenuta per via ta’ eccezzjoni hu li r-responsabbilita` ghad-danni ghandha taqa’ fuq terza persuna u li, fi kwalunkwe kaz, ghandhom japplikaw l-provvedimenti tas-CMR Convention. Billi ukoll qed jigi allegat li s-socjeta` attrici zammet f’idejha xi flus dovuti lis-socjeta` konvenuta b’titolu ta’ “freight charges”, qed jigi sottomess, in subsidium, li fl-eventwalita` li s-socjeta` konvenuta tinsab responsabbli, ghandha topera t-tpacija.

Dawn il-punti ta’ fatt u ta’ dritt huma kjarament riportati fis-sentenza appellata u fil-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti jidher car li dik il-Qorti fehmet sew x’kienu il-punti ta’ divergenza bejn il-partijiet. Dik il-Qorti ghalhekk, wara li hadet konjizzjoni u gharblet sew is-sottomissjonijiet taz-zewg nahat, ghaddiet biex iddecidiet il-meritu tal-kawza a bazi tal-ligi tenut kont tal-fatti li rrizultawlha.

Jidher ghalhekk li l-ewwel qorti abbraccjat it-tezi tas-socjeta` attrici appellata fis-sens li l-azzjoni odjerna hija bazata fuq ir-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta naxxenti milll-inadempjenza kontrattwali da parti ta’ dik l-istess socjeta` u dana fuq il-principji generali ta’ “culpa” enuncjati fil-Kodici Civili taghna. Kien ghalhekk li dik il-Qorti fl-ewwel lok ma accettatx dak li kien qed jigi sottomess mis-socjeta` konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha dwar nuqqas ta’ responsabbilita` u dan a bazi ta’ dak li jinghad fl-artikolu 1032(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi li ghandu jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja. L-ewwel Qorti, imbghad, ghaddiet biex tiskarta s-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta dwar l-applikabbilita` tas-CMR Convention billi rriteniet li dan ma kienx kaz fejn qeghdin jintalbu danni dervanti minn “mora” li huma regolati bl-istess konvenzjoni, izda li dan kien kaz ta’ danni rizultanti minn “culpa” u cioe` dik ir-responsabbilita` li titwieled bhala konsegwenza ta’ inadempjenza kuntrattwali. Finalment

skartat l-eccezzjoni ta' tpaccija nkwantu ma kienetx giet intavolata kontro-talba ghall-ammont reklamat.

**Ikkunsidrat:**

Bhala fatt mhux kkontestat li s-socjeta` konvenuta li giet inkarigata tittrasporta l-merkanzija minn Antwerp lejn Malta effettivament ikkuntrattat socjeta` ohra estera biex tezegwixxi dan l-inkarigu bix-xufiera u trailers taghha. Jidher li n-nuqqas ta' konsenja ta' zewg trailers banana kien direttament marbut ma' xi nuqqasijiet tal-impjegati ta' din id-ditta estera billi f'kaz ta' trailer dan wasal tard wisq biex jkun jista' jitghabba, mentri l-iehor nzamm Aosta billi s-socjeta` estera ma kienetx hadet hsieb tirregolarizza d-dokument wara l-akkwist tal-istess trailer.

Is-socjeta` konvenuta appellanti ghalhekk qed issostni li hija ma ghandhiex tort fl-akkadut u li, jekk hemm xi danni r-responsabbilita` ghalihom ghandha tistrieh fuq is-socjeta` estera billi kienet din li naqset. Din l-eccezzjoni hija bazata fuq il-provvedimenti ta' l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili li jipprovdi li: "*Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obligat ghal hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.*" Dan l-artikolu ghalhekk jipprospetta fl-ewwel lok il-possibilita` li minn jiehu xoghol jista` jghaddieh ossia jissubkuntratta dak l-istess xoghol lill-terza persuna. Fit-tieni lok dan l-artikolu, b'rispett lejn il-principju enuncjat fl-artikolu 1031 li "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" jehles minn responsabilita` ghad-danni lill-kontraent principali, jekk dan juri li l-persuna li huwa jkun inkariga kienet ta' hila u idonea biex tezegwixxi l-inkarigu. B'hekk dik ir-responsabbilita` tghaddi fuq it-terz hekk inkarigat. Dan ghaliex il-kontraent originali jibqa` responsabbli versu min qabdu, kemm-il darba ma jurix li dak inkarigat minnu kien ta' hila.

Issa bhala regola generali l-kuntratti ghandhom effett u forza biss bejn il-partijiet li jikkuntrattaw, u ma jistghux

ikunu ta’ hsara jew ta’ gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi (Art. 1001 Kap 16). Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li kull kuntrattazzjoni li setgha kien hemm rigwardanti l-garr tal-merkanzija in kwistjoni kienet limitata ghall-kontendenti billi ebda terza persuna ma kienet involuta. Isegwi li s-socjeta` konvenuta appellanti kienet direttament responsabbli vis-a-vis s-socjeta` attrici ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni minnha assunta. Fl-ezekuzzjoni ta’ l-oneri taghha s-socjeta` konvenuta appellanti kellha d-dmir li tuza l-prudenza, id-diligenza, u il-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja (Art. 1032 Kap 16), inkluz ukoll fost dawn l-obbligi li fl-eventwalita`, bhal ma gara fil-kaz in ezami, li kienet ser tingagga terza persuna biex tezegwixxi dak l-istess xoghol li hija kienet intrabtet li taghmel, li tassigura li dik t-terza parti li kienet ser taghmel it-tragitt minn Antwerp ghal Malta tkun idonea.

Waqt il-gbir tal-provi s-socjeta` konvenuta appellanti ma resqet ebda prova biex tissodisfa dan l-obbligu taghha u cioe` li t-terza persuna kienet ta’ hila jew li s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda raguni tissospetta li ma kienetx ta' hila biex tezegwixxi l-inkarigu lilha moghti. Ghal kuntrarju rrizultaw zewg cirkostanzi li juru li l-parti nkarigata mis-socjeta` konvenuta appellanti ma kienitx tal-hila mehtiega. Infatti rrizulta li wiehed mill-impjegati taghha li kien jsuq trailer wasal tard u ghalhekk ma setghax jiehu konsenja tal-merkanzija li kienet destinata ghas-socjeta` attrici. Dan jidher li kien nuqqas serju billi l-prodott kien wiehed deperibbli u ma jippermettix dewmien. Irrizulta ukoll, u hawn forsi n-nuqqas ta’ min gie inkarigat mis-socjeta` konvenuta kien aktar serju, li wiehed mit-trailers li kien ghabba l-merkanzija lanqas biss ma kellu d-dokumentazzjoni mehtiega biex ikun jista’ jaghmel it-tragitt minghajr xkiel mill-awtoritajiet doganali. Jidher ghalhekk li din l-eccezzjoni ma kienetx gustifikata billi r-responsabbilita` ghall-akkadut kien u baqa` tas-socjeta` konvenuta. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Fit-tieni lok s-socjeta` konvenuta appellanti qed issostni li r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti ma kellhomx jigu regolati bil-principji generali enuncjati fil-Kodici Civili taghna, kif sostniet l-ewwel qorti, izda b'dawk ir-regoli specifi li johorgu mill-konvenzjoni internazzjonali maghrufa bhala s-CMR Convention li tirregola l-International Carriage of Goods by Road. Infatti s-socjeta` appellanti korrettament issostni li din l-konvenzjoni tapplika fir-rigward ta' kull *garr bl-art ta' merkanzija minn jew ghall-pajjizi li almenu wiehed minnhom ikunu firmatarju tal-Konvenzjoni*, u dana kif jistipula l-ewwel Artikolu tal-istess Konvenzjoni.

Wara ezami tal-istess Konvenzjoni u l-iskop li ghaliha din giet iffirmata din il-Qorti taqbel pienament ma' dak li gie sottomess mill-kontro parti u abbracciat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza fuq riportata. Infatti f'dan il-kuntest is-sentenza qalet hekk:
"*kif sewwa jissottometti l-avukat ta' l-attur nomine, hawnhekk si tratta minn 'containers' li ma waslux u mhux minn 'containers' li damu li waslu izda li finalment waslu. Ghalhekk, l-artikoli kollha li s-socjeta` konvenuta tikkwota mil-ligi imsemmija, partikolarment l-Artikolu 23(5) tal-Konvenzjoni, m'humiex applikabbli ghall-kaz ghaliex hawn id-danni li qeghdin jintalbu mhumiex derivanti minn 'mora' izda jidderivaw minn 'culpa' fl-esekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali assunti mis-socjeta' konvenuta. Fi kliem iehor is-socjeta` attrici m'hix qeghda titlob id-danni ghaliex il-banana thassret minhabba dewmien fil-konsenja izda ghaliex din baqghet ma waslitx.*"

Din il-Qorti taqbel pienament ma' din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti u ghalhekk taghmilha taghha. Infatti fil-kaz in ezami ghandna zewg trailers li qatt ma waslu Malta. Fir-rigward ta' dak li qatt ma telaq minn Antwerp ma jistax jinghad li kien hemm Carriage of Goods by Road billi l-obbligi assunti mis-socjeta` konvenuta qatt ma bdew jigu attwati u ghalhekk din qatt ma setghet tittrasporta il-merkanzija. Fir-rigward tat-tieni container, u cioe` dak li inzamm Aosta u ghalhekk qatt ma wasal Malta, wkoll ma tapplikax l-Konvenzjoni billi l-Artikolu 20 jghid x'jigri fl-eventwalita' ta' non-delivery of goods meta jkun gie

stabbilit perjodu ghall-konsenja. Infatti l-Konvenzjoni tipprovdi li fil-kaz li jghaddi l-perjodu stabbilit fl-istess Artikolu u cioe` ta' tletin jum mid-data tal-perjodu pre-stabilit ghall- konsenja jew sittin jum mid-data meta l-"carrier" jkun ha konsenja tal-merkanzija, u l-merkanzija ma tkunx waslet fid-destinazzjoni taghha din tkun prova cara "of the loss of the goods". Fil-kaz in ezami ma jistax jinghad li l-merkanzija giet mitlufa kif jipprovdi dan l-artikolu. Jsegwi li l-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-kaz u b'hekk, kif sewwa rriteniet l-ewwel qorti, is-socjeta` attrici hija intitolata ghall-kumpens minhabba l-inadempjenza kuntrattwali da parte tas-socjeta` konvenuta billi l-merkanzija naqset li tasal Malta.

Fi kwalunkwe kaz, anke in vista tal-fatt li l-insistenza dwar l-applikabbilita` tal-provvedimenti tal-Konvenzjoni hija marbuta mal-quantum tad-danni, jigi rilevat li, skond l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni citat mill-appellant, id-danni jkunu limitati ghall-"carriage charges" biss fil-kaz li jkun hemm "delay" fil-konsenja tal-merkanzija. Izda meta jkun kaz ta' "non-delivery" d-danni jkunu kalkolati fuq il-valur tal-merkanzija, maghduda wkoll "carriage charges, Customs duties and other charges incurred in respect of the carriage ...." (Art. 23(4) tal-Konvenzjoni).

Dan l-aggravju ghalhekk mhux fondat.

**Ikkunsidrat:**

Finalment s-socjeta` konvenuta appellanti qed tissottometti li l-Ewwel Qorti naqset meta ma operatx it-tpacija tas-somma ta' LM1,500 reklamata minnha mas-somma likwidata favur is-socjeta` attrici.

Dan l-aggravju wkoll mhux fondat billi tpacija tista' tigi akkordata biss kemm-il darba iz-zewg krediti jkunu certi, likwidi u dovuti; mhux talli hekk, talli meta z-zewg krediti jkunu certi, likwidi u dovuti, jkun hemm tpacija ipso jure sa l-ammont fejn dawn iz-zewg krediti jkunu ndaqs (Art. 1196) u dan anke minghajr l-intervent tal-Qorti. Fil-kaz in ezami s-socjeta` konvenuta tirreklama t-tpacija tal-ammont ta' LM1500 imsemmi fin-nota tal-eccezzjonijiet

taghha. Izda jigi rilevat li fir-rigward ta’ dan l-allegat kreditu ma ngiebet ebda prova li, eccetto dak li jinghad fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, dwar f’hix kien jikkonsisti dan il-kreditu w jekk verament huwa dovut. L-uniku accenn dwar r-raguni vera ta’ dan il-kreditu insubuha fin-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici appellata (fol 58 et sequitur tal-process), fejn jinghad li dan l-ammont jirrapresenta “freight charges” relattivi ghat-trailers li qatt ma waslu Malta. Din l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici ma giet bl-ebda mod kkontestata mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghala ma ghandhiex taccetta dan bhala fatt. Ghalhekk jekk verament dan l-allegat kreditu jikkoncerna l-imsemmija “freight charges” tat-trailers li qatt ma waslu Malta, din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kwistjoni certament ma thossx li jista’ jinghad li dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------